

32003R1966

L 290/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.11.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1966/2003  
tas-7 ta' Novembru 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 834/95 li jikkonċerna l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura  
Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tas-23 Lulju 2003 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1789/2000 (2), u partikolarmen l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/95 tas-12 ta' April 1995 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda (3) jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni fin-Numenklatura Magħquda ta' oġġett innittajt komplut.
- (2) Fil-ġudizzju tagħha fil-każijiet konġunti C-260/00 sa C-263/00 (4) fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' sostenn tal-irkoppa u faxxex oħrajn, il-Qorti tal-Ġustizja Komunitajiet Ewropej speċifikat kriterji għat-tħejjija ta' distinzjoni bejn verżjonijiet ordinariji ta' faxex li jservu għal skop ġenerali u verżjonijiet li huma ddisinjati għat-twettieq ta' funzjoni medika speċjali u sussegwentement għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 9021 tan-Nomenklatura Magħquda.
- (3) Sabiex tkun assigurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jkunu speċifikati r-raġunijiet għall-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 834/95, sabiex ikun ikklarifikat il-għala l-prodott klassifikat huwa verżjoni ordinariji ta' faxxa ta' l-irkoppa.

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Fil-Kolonna 3 (raġunijiet) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 834/95, dan il-paragrafu li ġej huwa miżjud.

"Klassifikazzjoni ta' l-oġġett fl-intestatura 9021 bħala apparat ortopediku hija eskluża, minħabba li ċ-ċappetti m'humiex aġġustabbi għal xi mankament speċifik tal-pazjent. Akta minn hekk, l-oġġett ma jurix grad għoli ta' preċiżjoni.

Għalhekk, l-oġġett huwa sostenn ordinarju għal użu ġenerali u ma jservix skop speċifiku mediku.

L-aġġustament ta' l-oġġett madwar is-sieq b'żewġ strippi 'tip-velcro', ma jservi l-ebda skop speċifiku mediku, minħabba li l-istrippi tip-velcro' sempliċement iżommu l-patella ta' l-irkoppa f'posta."

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, pg. 1.

(2) ĠU L 281, tas-30.10.2003, pg. 1.

(3) ĠU L 84, ta' l-14.4.1995, pg. 1.

(4) Il-Ġudizzju tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Novembru 2002 fil-każi konġunti C-260/00 - C-263/00, Lohmann GmbH & Co. KG u Medi Bayreuth Weihermüller & Voigtmann GmbH & Co. KG v. Oberfinanzdirektion Koblenz (għandu mhux ippubblikat fil-ECR).